



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0144/2010 , imressqa minn Koen Godderis, ta' nazzjonalità Belġjana, dwar taxxa Belġjana fuq l-ikkuppjar

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għat-taxxa Belġjana fuq l-ikkuppjar, u jargumenta li dan jikkostitwixxi tagħwiġ fil-kompetizzjoni. Skont il-liġi Belġjana, it-taxxa fuq l-ikkuppjar għandha titħallas fuq ix-xiri ta' tagħmir vojta għall-ħażna (CDs, USBs, hard disks esterni, eċċ.) li kapaċi jaħżen stampi jew mużika li tiġi rrekordjata. It-taxxa tinġabar minn kumpanija privata, Auvibel, u hi maħsuba għar-rimunerazzjoni ta' awturi, artisti u produtturi. Il-petizzjonant jargumenta li t-taxxa tikser il-leġiżlazzjoni Ewropea minħabba li dawk li ma jixtixx jużaw xogħlijiet bi drittijiet tal-awtur m'għandhomx ikunu sfurzati jħallsu lill-kumpanija privata (Auvibel) ħlasijiet għal xogħlijiet ta' kkuppjar li ma jaqawx fil-kompetenzi tagħha (pereżempju x-xogħol, il-mużika, ir-ritratti tagħhom stess, eċċ.). Bħala eżempju, il-petizzjonant jirreferi għal fotografu li jagħmel kopji bħala mezz ta' backup li jeħtieġ iħallas taxxa meta jixtri hard disk estern li huwa rikjest għal tali proċess u hu obligat jitlob prezz skont il-bżonn, fatt li jagħmlu inqas kompetittiv minn fotografi oħra Ewropej. Il-petizzjonant jargumenta li t-taxxa tmur kontra l-prinċipju tal-moviment ħieles tal-oġġetti u s-servizzi, b'riżultat li impriżi barranin m'għadhomx lesti li jfornu lill-Belġju b'CD-ROMs u DVDs. Il-petizzjonant jargumenta li l-liġi Ewropea dwar id-drittijiet tal-awtur mhix ċara biżżejjed u jargumenta li l-Kummissjoni għandha tirratifika dan.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Mejju 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

M'hemm l-ebda regola Komunitarja dwar it-taxxa fuq l-ikkuppjar. L-unika dispożizzjoni applikabbli hija l-eċċezzjoni fakultattiva għall-ikkuppjar privat, kif hemm stipolat fid-Direttiva tal-2001 dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Soċjeta tal-Infommazzjoni. Din l-eċċezzjoni tgħid li huwa permess l-ikkuppjar privat sakemm id-detenturi tad-drittijiet jirċievu 'kumpens ġust' għal kwalunkwe preġudizzju kkawżat mill-ikkuppjar privat. L-Istati Membri huma ħielsa fil-mod kif jiżguraw li jiġi pprovdut dan il-kumpens ġust. Mod wieħed ta' kif jista' jintlaħaq dan l-għan huwa permezz tal-impożizzjoni ta' taxxa fuq ċertu tagħmir. Jistgħu jiġu previsti modi oħra, bħal pereżempju l-fondi ġenerali ta' kumpens.

Billi d-Direttiva sempliċement tirrikjedi li d-detenturi tad-drittijiet jirċievu kumpens ġust għal atti ta' kkuppjar privat, l-Istati Membri jgawdu diskrezzjoni kbira dwar kif jilhq u dan l-għan. Bosta għażli li jimponu taxxi, iżda m'hemm l-ebda prattika omoġenja dwar liema tagħmir huwa soġġett għat-taxxi.

Il-Ġermanja, Franza u l-Olanda għażli s-sistemi tat-taxxa. Madankollu, kollha adottaw approċċi kemxejn differenti fir-rigward tat-tagħmir soġġett għal taxxa u tar-rati applikabbli. Is-sistema Belġjana tirrifletti s-sistema fis-seħħ fi Franza. L-Olanda għażlet li ma jkollhiex taxxi fuq il-USBs, il-*hard drives* esterni u l-*MP3 players*.

Is-sistema attwali tippermetti li jkun hemm varjazzjoni fil-livell tal-kumpens għall-ikkuppjar privat bejn l-Istati Membri. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni kienet qed taħdem mas-soċjetajiet kolletturi rilevanti, l-industrija tal-elettronika għall-konsumaturi, u l-organizzazzjonijiet sabiex tikseb opinjoni koerenti dwar liema prodotti għandhom ikollhom taxxa u dwar liema prodotti m'għandhomx ikollhom taxxa. Sa issa dawn id-diskussjonijiet ma wasslu għall-ebda qbil.

Il-kwistjonijiet imqajma minħabba t-taxxi huma ta' natura prattika li jirrikjedu risposti prattiċi. Il-Kummissjoni għadha konvinta li l-partijiet interessati nnifishom jinsabu fl-aqwa pożizzjoni biex joħolqu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli f'dan il-qasam. Fid-dawl tal-approċċi nazzjonali eteroġeni fir-rigward tat-taxxi, tat-tariffi tat-taxxa u tal-prodotti soġġetti għat-taxxi, il-probabilita li jkun hemm armonizzazzjoni hija verament baxxa.

Reċentement, l-Avukat Ġenerali tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta l-opinjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni tat-taxxa fuq it-tagħmir tal-ikkuppjar privat użat min-negozji u l-professjonisti (Kawża C 467/08 Sociedad General de Autores y Editores (SGAE) kontra Padawan). Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja hija mistennija tagħti d-deċiżjoni tagħha fix-xhur li ġejjin.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni għadha tiffoka fuq it-tħeġġiġ tal-partijiet interessati biex jiżviluppaw soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli.